MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 278/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fit-30 ta’ Mejju 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel bl-isem ta’ Mark li ghandu tnax il-sena;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dottor Joseph Debono tat-23 ta’ Settembru 2008 Dok A;
3. Illi m’hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba’ snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja

totalment separata minn xulxin u ghandhom rabtiet ma' familjari godda;
4. Illi skond il-kuntratt hawn fuq citat u senjatament l-artikolu numru 9 tal-istess kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw mill-obbligu li imantnu lil xulxin, mentri l-esponent huwqa obbligat li ihallas manteniment u nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tifel skond klawsola 6, liema manteniment u spejjez l-esponent dejjem hallas regolarment u ma hemmx arretrati;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex f'dawn ic-cirkostanzi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Gunju, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Settembru 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------